MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Numru 451/2006

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Spiteri)

vs

Josef Dimech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Josef Dimech detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 479380M, akkuzat talli:

Fis-16 t’Ottubru, 2004 ghall-habta tas-01:30 a.m. gewwa Vjal Santa Lucija f’Rahal Gdid, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mandy Zammit minn San Gwann liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f’parti ta’ l-

ghamla tal-gisem u/jew gabet sfregju gravi u permanenti f’xi parti tal-gisem u dana bi ksur ta’ l-artikolu 218(1)a tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ghamel hsara jew gharraq vettura bin-numru CBA-985 ghad-detriment ta’ Vince Dimech.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru CBA-985 u kkaguna hsara fuq ‘crash barrier’ proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru CBA-985 tat-tip Isuzu Gemini b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru CBA-985 b’giri aktar milli jmissu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbal tal-lum fejn l-Ufficjal Prosekutur irtira l-akkuzi kontra l-imputat.

In vista ta’ dan din il-Qorti qeghdha tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza u tiddikjara proceddiment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------